I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-5 ta' Ġunju 2009**

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banka Slovenije**

**(BĊE/2009/12)**

(2009/C 132/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Ewrosistema huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni preżenti tal-Banka Slovenije ser jispiċċa wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2008. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2009.

(3) Il-Banka Slovenije għażel lil Deloitte revizija d.o.o. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2009 sa 2011,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat li Deloitte revizija d.o.o. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2009 sa 2011.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 5 ta' Ġunju 2009.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET